# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 24 ta' Novembru, 2015**

**Talba Nru: 379/15 DMA**

**Go plc**
**C 22334**

**Vs**

**Rita Hammett**
**ID. 54962M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-25 ta' Mejju, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici 's-somma ta' elfejn, hames mija u tmienja u tmenin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€2,588.57) liema ammont huwa in konnesjsoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40096210 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY 3 – estratt mir-Registru Elettorali.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha ‘ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Il-konvenuta pprezentat risposta fejn eccepiet illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi hija qatt ma ffirmat id-dokument IZY2 stante li din la hija l-kitba u lanqas il-firma taghha u ghalhekk hija frawdolenti in confront taghha;

Illi xejn mhux dovut mill-intimata u ghalhekk ghandha tigi liberate mill-osservazzjoni tal-gudizzju.

Peress illi ma tresqet l-ebda prova t-Tribunal jaghlaq il-provi u jiddecidi l-kawza.

It-Tribunal jilqa’ it-talba attrici u jikkundanna lil konvenuta thallas l-ammont ta’ elfejn, hames mija u tmienja u tmenin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€2,588.57) lis-socjeta’ attrici bir-rata mensili ta’ hames mitt ewro (€500).

B’dan pero illi kemm il-darba jinqabzu zewg pagamenti konsekuttivi is-socjeta’ attrici jkollha d-dritt li titlob il-hlas tal-bilanc rimanenti f’salt wiehed.

Imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenuta.

L-ewwel pagament ghandu jkun fil-15 ta’ Dicembru, 2015

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**